# Il-Marsa fl-Imgħoddi

## It-Twaqqif tal-Knisja Parrokkjali Maria Regina

Fid-29 ta' Awissu 1953 f'Sirakuza waqt li ċerta Antonjetta Giusto, mart Anġlu Jannuso kienet tinsab marida fis-sodda, rat id-dmugħ iġelben minn għajnejn ix-xbiha taċ-ċeramika tal-Madonna li kellha mdendla fuq rasha. Il-mara fieqet u żewġha li kien komunist ikkonverta fuq dan il-miraklu.

Din il-ħabta il-Kappillan tal-Marsa Patri Feliċjan Bilocca, inzerta qiegħed hemm jara dan il-miraklu u mqanqal minn dan il-għaġeb, waħħalha f'rasu li meta jerġa' lura lejn Malta jibni knisja lil din il-Madonna li bdiet tissejjaħ Tad-Dmugħ.

Bit-tħabbrik ta' bosta rġiel u xbejbiet mill-Parroċċa tiegħu, fit-2 ta' Frar 1958, Patri Feliċjan bħala delegat ta' l-Eċċelenza Tiegħu l-Arċisqof Gonzi, bierek u qiegħed l-ewwel ġebla tal-knisja tal-madonna tad-Dmugħ fi Triq il-Ġdida Triq Isouard.

l-istil tal-knisja hu modern u sempliċi u saret fuq id-disinn tal-Kavalier Ġużè Damato u hija pjanta tassew oriġinali moderna. Ix-Xogħol inħadem mill-imgħallem Salvu Calleja li hu magħruf ħafna fix-xogħol tal-knejjes. Il-kobor tagħha hu ta' 140 pied tul b'54 oħra wisgħa. Fiha 3 altari, kollha jħarsu lejn il-pubbliku u tista' tasa' madwar 100 ruħ bil-qiegħda.

Nhar il-Ħadd, 10 ta' Diċembru 1961, l-istess Patri Feliċjan bħala delegat tal-Provinċjal tal-Kapuċċini Patri Crispin OFM Cap. bierek u fetaħ din il-knisja l-ġdida bl-aktar pompa.

Wara nofs inhar is-Superjur tal-Knisja l-ġdida Patri Beninju Sultana, Kapuċċin fil-knisja Parrokjali l-Ġdida, bierek ix-xbiha sabiħa tal-Madonna li kellha titqiegħed fuq l-artar. Minnufih din ix-xbiha ġiet imtella' għall-knisja l-ġdida merfugħa mill-Fratelli tar-Rużarju tal-Parroċċa, u akkumpanjata mill-Patrijiet Kapuċċini u minn għadd sabiħ ta' devoti. Dan hu kopja ta' dak li sar il-miraklu fuqu. Dan ix-xogħol sabiħ sar f'Ortosei, Bolzano minn Coffredo Morador e Figli u sewa £134 sterlini. Malli tlesta dan il-kwadru tqiegħed għal wiri fil-Kunvent tal-Kapuċċini fil-Furjana u minn hemm wara żmien ittieħed fil-knisja tal-Marsa.

Dan il-kwadru huwa t-titular, magħmul bħalha altorillev fuq l-injam, miżbugħ u ndurat ufih tassew x'tara, l-aktar il-kobor tiegħu li hu uniku. L-istatwa titulari "Marija Reġina" nħadmet minn C.V. Mussner ta' Ortsei Bolzano, swiet £250 sterlini, ħallashom Ġużeppi Dimech, u berikha l-Isqof E. Galea.

Il-knisja telgħet bil-ġbir tal-poplu u swiet £10,000 sterlina. Fuq rikors ta' l-abitanti ta' din in-naħa sabiex il-knisja tagħhom issir parroċċa, nhar is-27 ta' Ottubru 1966 ġiet maqtugħa xewqithom, u hekk illum il-Marsa għandha żewġ parroċċi.

L-Kunsill Parrokkjali ħass li kienet ħaġa mhix flokha li filwaqt li t-titlu kien juri niket, u minflok niket kien qed isir briju, l-baned u l-isparar. Għalhekk talbu lill-Awtoritajiet sabiex jibdlulha isimha f'ieħor magħmul minnhom li jkun jixraq aktar. B'digriet tas-26 ta' Ġunju, 1966. L-Arċisqof Gonzi bidel it-titlu tal-knisja tal-Madonna tad-Dmugħ għal dik ta' Marija Reġina billi din kienet għadha mhix konsagrata.